

Brussell, 1 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0189(COD)

12464/19
ADD 2 REV 1

CODEC 1417
PI 132

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, Franza, il-Portugall u l-Polonja

Aħna nappoġġaw l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG), sabiex tkun tista' teżerċita kif suppost il-kompetenza esklużiva tagħha għal denominazzjonijiet ta' orìġini u indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sistema ta' Lisbona. Mal-adeżjoni, l-UE ser timpenja ruħha li tirrikonoxxi sistema ta' protezzjoni li tkopri wkoll prodotti mhux agrikoli. Għalhekk huwa essenzjali li d-denominazzjonijiet għall-prodotti mhux agrikoli jingħataw protezzjoni fl-UE kemm jista' jkun malajr. Aħna nitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal regolament għal dan il-għan malajr wara l-adeżjoni tal-UE għall-Att ta' Ġinevra.

Dikjarazzjoni mid-Danimarka u l-Iżvezja

Id-Danimarka u l-Iżvezja jappoġġaw l-oġġettiv li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni u infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, għalkemm l-enfasi primarja għandha tkun fuq id-drittijiet fundamentali ta' proprjetà intellettuali. Għadna m'aħniex konvinti mill-potenzjal tal-adeżjoni tal-UE għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Id-Danimarka u l-Iżvezja jistgħu madankollu jaċċettaw din il-proposta ta' kompromess, peress li l-proposta ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni attwali skont il-liġi tal-UE.

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands jappoġġaw l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG), sabiex tkun tista' teżerċita kif suppost il-kompetenza esklussiva tagħha għal denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sistema ta' Lisbona. In-Netherlands jaċċettaw din il-proposta ta' kompromess, peress li l-proposta ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni attwali skont il-liġi tal-UE.
